# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

# IMĦALLEF
# ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

## Illum l-Erbgħa, 21 ta' Ġunju 2017

**Kawża Nru: 11**

**Rikors Ġuramentat Nru: 325 / 12 JA**

**Natalia Menshova**

**-vs-**

**Ralph Asciak**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attriċi fid-29 ta' Marzu 2012 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi r-rikorrenti kienet tgħix u tirrisjedi fil-fond numru 8, Ħarbux Farmhouse, Triq Santa Klara, Naxxar għal liema fond hija kellha ċavetta bħalma kellu u għad għandu l-*ex partner* tagħha l-intimat Ralph Axiaq.

Illi lejn tmiem is-sena l-oħra r-rikorrenti siefret u rritornat Malta fit-22 ta' Frar 2012 iżda meta marret biex tiftaħ il-bieb ta' barra tal-fond preċitat ma setgħetx tidħol fid-dar tagħha billi l-intimat vjolentement u klandestinament biddel is-serratura tal-bieb ta' barra.

Illi kwindi l-intimat ikkommetta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tar-rikorrenti *ai termini* tal-Artikolu 535 (l) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jgħid għalhekk l-intimat il-għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-intimat ikkommetta spoll vjolenti u klandestin lil-konfront tar-rikorrenti *ai termini* tal-artikolu 535 (l) tal-Kap l6 tal-Liġijiet ta' Malta meta bidel is-serratura tal-fond numru 8, Ħarbux Farmhouse, Triq Santa Klara, Naxxar.

2. Tordna lill-intimat jirripristina kollox għall-istat oriġinali tiegħu u jirrintegra lir-rikorrenti fil-pussess tal-fond preċitat kif hemm kontemplat fl-istess artikolu 535(l) tal-Kap 16.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut ppreżentata fl-14 ta' Ġunju 2012 fejn eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament l-esponent m'għandux l-isem ta' "Ralph";

2. Illi preliminarjament ukoll m'hemm l-ebda proprjeta' li l-esponent għandu x'jaqsam magħha bl-isem ta' "Ħarbux Farmhouse". Għalhekk fit-talbiet hekk kif imressqa mir-rikorrenti ma jistgħux jintlaqgħu minn din il-Qorti;

3. Illi l-azzjoni mressqa hija perenta u dana billi il-fatt allegat fit-tieni paragrafu tar-rikors promotorju seħħ bejn il-Milied u l-ewwel tas-sena l-oħra u tali terminu jiddekorri minn meta seħħ il-fatt u mhux minn meta setgħet intebħet bih ir-rikorrenti;

4. Illi r-rikorrenti ma kellha l-ebda pussess tal-imsemmi fond u dana peress li fl-ewwel lok ir-residenza tagħha hawn Malta kienet band'oħra, u fit-tieni lok ir-rikorrenti ħadet pussess taċ-ċavetta tal-imsemmi fond b'mod klandestin u mingħajr il-kunsens tal-intimat. Finalment hi kienet tmur fil-fond mertu ta' din il-kawża bil-bona grazzja tal-esponent. Għalhekk it-titolu tagħha kien wieħed ta' mera tolleranza li ma jagħtix bażi lir-rikorrenti għal din il-kawża;

5. Illi l-eċċipjent jeċċepixxi *'in ogni caso'* illi l-azzjoni ta' spoll hekk kif promossa mir-rikorrenti hija waħda ġuridikament improponibbli u insostenibbli *stante* illi ħalli tirnexxi l-azzjoni ta' spoll jinkombi fuq ir-rikorrenti li tipprova li hija għandha l-pussess – *"possedisse"* tal-fond imsemmi minnha;

6. Illi l-intimat jeċċepixxi illi t-tieni rekwiżit sabiex tirnexxi l-*'actio spolii'* huwa nieqes ukoll *stante* illi ma kien hemm l-ebda disturb tal-pussess *"spoliatum fuisse"* da parti tal-intimat fil-konfront tar-rikorrenti;

7. Salv difiżi ulterjuri hekk kif premessi mil-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawża nklużi d-dokumenti;

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-21 ta' Ġunju 2017.

**Ikkunsidrat:**

**Fatti**

Illi hu paċifiku bejn il-partijiet li din hi kawża ta' spoll u għalhekk l-indaġini ta' din il-Qorti ser jitrattaw biss l-elementi tal-ispoll mingħajr ma tidħol fil-kwistjonijiet oħra senjatament dawk konnessi ma' drittijiet fuq il-proprjetajiet ħlief u limitatament għal dak li hu strettament relevanti għall-finijiet ta' din il-vertenza.

Illi l-attriċi qed titlob lil din il-Qorti tiddikjara li l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tagħha *ai termini* tal-artikolu 535(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta meta bidel is-serratura tal-fond numru 8, 'Ħarbux Farmhouse', Triq Santa Klara, Naxxar. L-attriċi tallega illi hija kienet tgħix u tirrisjedi fil-fond *de quo* u hija kellha ċavetta bħalma kellu l-konvenut, u illi lejn t-tmiem is-sena 2011 hija siefret u rritornat Malta fit-22 ta' Frar 2012. Meta marret biex tiftaħ il-bieb ta' barra tal-fond preċitat ma setgħetx tidħol fid-dar tagħha peress illi kienet inbiddlet is-serratura.

Illi in sostenn tat-teżi tagħha l-attriċi esebiet affidavit redatt minnha flimkien ma' elenku ta' dokumenti (fol 28-85); affidavit ta' Olga Spiteri (fol 86); u affidavit ta' Svetlana Roukhliada (fol 94).

## Eċċezzjonijiet

Illi l-konvenut jirrileva b'mod preliminari illi l-isem tiegħu mhuwiex "Ralph" kif indikat fir-rikors promotur; u illi l-ebda proprjeta' li għandu x'jaqsam magħha għandha l-isem "Ħarbux Farmhouse." Il-konvenut eċċepixxa wkoll illi l-azzjoni attriċi hija perenta għaliex idekkorra t-terminu li fih għandha ssir azzjoni ta' spoll. *Inoltre*, eċċepixxa li ma ġewx sodisfatti r-rekwiżiti l-oħra tal-liġi tal-pussess u tad-disturb ta' tali pussess.

Illi da parti tiegħu l-konvenut esebixxa l-affidavits tiegħu (fol 107); dak ta' Mark John Asciak (fol 126); u dikjarazzjoni ġuramentata ta' Ivan Azzopardi (fol 128); sar il-kontro-eżami tal-attriċi Natalia Menshova (fol 285); tella' jixhdu wkoll lil Dr Astrid May Grima (fol 388); lil Ryan Spagnol (fol 412); sar il-kontro-eżami ta' Olga Alexandrovna Spiteri (fol 417); tella' jixhdu wkoll lill-Ispettur Elton Taliana (fol 435) li esebixxa dokument (kopja ta' Mandat t'Arrest u Tfittxija – Dok 'ET1' fol 429); u lil Savio Borg (fol 446) li esebixxa 5 dokumenti (Dok 'SB1' – 'SB5' fol 430).

## Kunsiderazzjonijiet Legali

Illi b'mod preliminari jiġi rilevat fir-rikors promotur hemm xi ineżattezzi bħal per ezempju l-konvenut gie indikat bħala "Ralph" meta ismu huwa "Raphael" u *inoltre* l-fond ġie deskritt bħala "Ħarbux Farmhouse" meta fil-fatt dan il-fond jappertjeni lil terzi – iżda fil-mori tal-kawża rriżulta li la hemm dubju ta' min hu l-konvenut fil-kawża odjerna u lanqas ta' liema huwa l-fond mertu tal-kawża. Huwa tassew stramb iżda illi għalkemm dawn l-inkonsistenzi nħarġu waqt il-mori fl-ebda waqt ma ntalab korrezzjoni tal-istess.

Illi kif jidher ċar mir-rikors promotur din hija kawża ta' spoll. Kif hu magħruf huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta' spoll tirnexxi, u ċjoe':

1. il-pussess – *possedisse*;

2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-moħbi jew kontra l-volonta' tal-attur – *spoliatum fuisse*; u

3. li l-azzjoni ssir fi żmien xahrejn minn meta jkun seħħ l-ispoll – *infra bimestre deduxisse*[1].

Illi dawn ir-rekwiżiti effettivament joħroġu mill-Artikolu 535(1) tal-Kodiċi Ċivili fejn jingħad illi:

*"Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżża' mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terġa' tiġi mqiegħda f' dak il-pussess jew f' dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-Artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili."*

Illi fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju 1956 fl-ismijiet **"Vincenzina Cassar et vs Annetto Xuereb Montebello"** ingħad illi:

*"Il-ġurisprudenza tat-Tribunali tagħna dejjem kienet kostanti fl-interpretazzjoni ta' dawn il-liġijiet fis-sens li l-azzjoni ta' spoll hija 'di ordine pubblico', unikament u esklussivament intiża biex timpedixxi li wieħed jagħmel ġustizzja b'idejh mingħajr l-intervent tat-tribunal ċivili u tipprevjeni l-konsegwenzi deplorevoli ta' aġir simili. Għalhekk il-liġi tivvjeta l-allegazzjoni ta' kwalsiasi eċċezzjoni li ma tkunx dilatorja kontra r-reintegrazzjoni u tiċċirkoskrivi l-eżami tal-Qorti għall-fatt biss tal-pusses u tal-ispoll denunzjat. Ir-*

[1] **"Arends *et* vs Mizzi"** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Jannar 2013.

*reintegrazzjoni għandha dejjem tiġi ordnata mill-Qorti, kwantunkwe l-pussess jista' jkun vizzjat u min jikkommetti l-ispoll ikun il-veru proprjetarju tal-ħaġa li minnha l-possessur tagħha jkun ġie spolljat."*

Illi fi kliem **Pacifici Mazzoni** spoll vjolent huwa:

*"... qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato".* (Vol III Sez. 52).

Illi kif ukoll intqal fil-kawża **"Margherita Fenech vs Pawla Zammit"** deċiża fit-12 ta' April 1958:

*"L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esiġenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut ta' ġustizzja u hija eminentement intiża l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jiġi mpedut liċ-ċittadin privat li jieħu l-liġi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat."*

Illi bran ieħor rilevanti jgħid illi:

*"Kif kellha okkażjoni tesprimi ruħha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indaġini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruża u skarna ...*

*In kwantu għall-pussess, il-liġi tikkontempla l-pussess materjali kien liema kien u mhux il-pussess animo domini u lill-konvenut mhux leċitu li jinvestiga x-xorta ta' pussess tal-attur. Saħansitra l-azzjoni ta' spoll tista' tiġi eżerċitata kontra l-istess proprjetarju meta dan ikun l-awtur tal-ispoll ... Konsegwentement għal din l-azzjoni l-liġi ma tirrikjedix il-leġittimita' tal-pussess privat u takkorda r-reintegrazzjoni anke favur il-pussessur in mala fede. It-tribunal għandu*

*jeżamina biss il-fatt tal-pussess u l-fatt tal-ispoll."* **(Vol. XLI.I.245)**

Illi hawnhekk si tratta mill-pussess jew sempliċi detenzjoni.

Illi l-attriċi qed issostni li l-konvenut ikkommetta l-ispoll meta qabad u biddel is-serratura tal-bieb ta' barra. Mill-banda l-oħra, għalkemm il-konvenut jammetti illi huwa biddel is-serratura, min-naħa tiegħu jinnega illi huwa kkommetta att spoljattiv għaliex *inter alia* jsostni li l-attriċi (fol 13), *"... kienet tmur fil-fond mertu tal-kawża bil-bona grazzja tal-esponent. Għalhekk it-titolu tagħha kien wieħed ta' mera tolleranza li ma jagħtix bażi lir-rikorrenti għal din il-kawża."*

Illi din il-Qorti sejra tgħaddi biex teżamina l-provi proċesswali biex taċċerta ruħha li r-rikorrenti huma l-pussessuri jew detenturi. L-attriċi esebiet kopja ta' kuntratt ta' kera (Dok 'N1' fol 40) datat 1 ta' Jannar 2001, bejn min-naħa waħda s-soċjeta' Camelot Properties Limited u min-naħa l-oħra l-kontendenti, u ċjoe' Ralph Asciak u Natalia Menshova. Skont klawsola 2 tal-istess kuntratt:

*"2. RECITALS*

*a) For value of Euro 30,000.00 (Euro Thirty thousand thousands) received, the Owner rents to the Tenant, and the Tenant hires from the Owner the house (the "Property") located at 8, Santa Clara street, l/o Naxxar*

*b) The term of this Agreement shall be for 30 (thirty) years, commencing on 1 January 2011, and terminating on 1 January 2041, unless sooner terminated by mutual consent of the parties or by operation of the provisions of this Agreement.*

*c) The rent cost is calculated as Euro 1,000.00 per year for the whole period of rent and is unchangeable during all the time of rent under the condition that the payment of the total balance is paid in full by the date of commencing of this Agreement."*

Illi jiġi rilevat preliminarjament illi huwa stramb il-valur tal-kirja ġie ndikat bħala *'Euro Thirty thousand thousands'* – ma jidhirx li huwa każ ta' sempliċement *lapsus calami* iżda li huwa żgur huwa li komunament lokalment ma nindikawx valuri b'dan il-mod. Jirriżulta wkoll illi fl-istess kuntratt l-attriċi tindika l-indirizz tagħha bħala *"Flat 13, Sikasa Court, Tower Street, Msida MSD 1825, Malta."*

Illi da parti tiegħu l-konvenut jirrileva illi (fol 13):

*"4. Illi r-rikorrenti ma kellha l-ebda pussess tal-imsemmi fond u dana peress li fl-ewwel lok ir-residenza tagħha hawn Malta kienet band'oħra, u fit-tieni lok ir-rikorrenti ħadet pussess taċ-ċavetta tal-imsemmi fond b'mod klandestin u mingħajr il-kunsens. Finalment kienet tmur fil-fond mertu tal-kawża bil-bona grazzja tal-esponent. Għalhekk it-titolu tagħha kien wieħed ta' mera tolleranza li ma jagħtix bażi lir-rikorrenti għal din il-kawża."*

Illi kif diġa' ġie ribadit diversi drabi għall-finijiet tal-azzjoni odjerna l-Qorti m'għandhiex tidħol fil-mertu tal-validita' ta' titolu. Li huwa żgur hu illi filwaqt li l-attriċi qegħda ssejjes l-argumenti tagħha fuq dan il-kuntratt ta' kiri, il-konvenut qed jinnega l-veraċita' tiegħu[2] – iżda ma jirriżultax illi ħa xi azzjoni sabiex jimpunjah. *Inoltre* x-xiehda ta' Olga

[2] fol 112: *"j) I confirm that the lease agreement which she submitted together with her affidavit is a forged document. This document says that the house is rented to us both for 30 years for a sum of money paid up front, which sum would today not even cover the rental of a small garage. I did not sign this document and confirm that my signatures are forged."*

Alexandrovna Spiteri mressqa mill-attriċi ma tiswiex biex tipprova l-element ta' pussess għaliex hija kienet tgħin fil-fond f'perjodu ferm qabel ma nfetħet il-kawża odjerna, u dan ġie kkonfermat ukoll in kontro-eżami (fol 419):

| | |
|---|---|
| *"Dr Adrian Camilleri:* | *So am I correct to say that from 2006 up till today, 2016, you have no idea of who lived in that house, correct? Because you have never been.* |
| *Judge:* | *Except what Natalia told you.* |
| *Witness:* | *When I finished this work, I never been again. I never visit her there."* |

Illi x-xiehda ta' Svetlana Rouchliada (fol 448) hija konfinġenti għall-aħħar u għandha titqies f'dan id-dawl.

Illi dwar il-kwistjoni taż-żmien li fih imissha ssir il-kawża għandu jingħad li tinqala' l-problema, bħalma nqalgħet f'din il-kawża, dwar minn meta għandu jibda jiddekorri t-terminu ta' xahrejn li l-liġi tiffissa. Din il-Qorti kif presjeduta taqbel ma dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **"Gatt vs Cini"**[3] fejn ingħad illi :

*"... qari xieraq taż-żewġ artikoli tal-liġi li jitkellmu dwar l-azzjoni privileġġjata tal-ispoll (l-artikolu 791 tal-Kap 12 u l-artikolu 535 tal-Kap 16) ma jħallux għażla għal dik li għandha tkun it-tifsira xierqa li jmissha tingħata dwar minn meta għandu jintgħadd iż-żmien ta' xahrejn: dan għandu jibda jitqies minn dakinhar tal-ispoll".*

[3] Philip Gatt et vs Mario Cini et, 4 ta' Frar 2003

Illi *inoltre* l-Qorti tal-Appell, b'referenza għaż-żmien li fih ikun sar l-ispoll, fil-kawża fl-ismijiet **"Camilleri vs Bonello**" deċiża fil-5 t'Ottubru 1998, qalet illi:

*"F'azzjoni possessorja ta' din ix-xorta l-att turbattiv tal-pussess li ta lok għaliha għandu dejjem ikun identifikabbli u għandu jiġi bi preċiżjoni identifikat (spolitaum fuisse) bħala fatt li sar fi żmien determinat mhux biss għaliex mill-mument meta javvera ruħu li ddekadenza estintiva tal-azzjoni jibda jiddekorri, imma wkoll għaliex it-talba jeħtieġ tkun għar-reintegrazzjoni tal-attur."*

Illi forsi aktar speċifikatament fil-kawża **"Georgina Borg vs Errol Cassar et"** deċiża fil-21 t'Ottubru 2002, ċitata fis-sentenza imsemmija, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, dwar it-terminu ta' xahrejn f'azzjoni ta' spoll qalet illi:

*"... it-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduċi l-pretensjoni tiegħu huwa element essenzjali ta' din l-azzjoni li jeħtieġ li jiġi konkludentement pruvat mill-attur. Prova li trid issir f'kull każ ta' din ix-xorta imma li ssir sine qua non meta l-parti konvenuta teċċepixxi bħal dan il-każ il-preskrizzjoni tagħha bid-dekors talperjodu estintiv ta' xahrejn."*

Illi *oltre* dan, illum huwa ukoll paċifiku illi x-xahrejn jibdew jgħaddu minn meta jsir l-ispoll u mhux minn meta l-attur isir jaf bih; sentenza riċenti f'dan is-sens hija dik fl-ismijiet **"Reġistratur tal-Qrati u Tribunali ta' Għawdex vs Maltapost plc"** deċiża fis-27 ta' Ġunju 2014 fejn ingħad illi:
*"Dan kollu jindika li l-importanza li din l-azzjoni tiġi trattata u deċiża malajr toħroġ appuntu mill-utilita' soċjali li ħadd ma jieħu l-liġi b'idejh u allura jekk xi ħadd jagħmel dan ikollu jerġa' jirripristina l-istatus quo ante. Huwa għalhekk li l-liġi tesiġi li lkawża tiġi stitwita fi żmien qasir u l-ġurisprudenza stabbiliet li dak it-terminu jibda għaddej minn meta jseħħ l-*

*ispoll. Kif ġie deċiż appuntu fil-kawża msemmija mill-istess appellant, u ċjoe' dik deċiża fis-7 ta' Frar 1958 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet* ***"Michael Mamo vs Philip Grima"*** *iż-żmien tal-azzjoni jibda mill-ġurnata tal-ispoll u mhux minn meta l-attur sar jaf bih, u kwindi l-azzjoni tkun perenta jekk tiġi eżerċitata wara xahrejn minn meta jkun sar l-ispoll avolja l-attur ma kienx jaf bl-ispoll fil-waqt. Lanqas jiswa li l-attur ikun ipprotesta ġudizzjarjament kontra l-ispoll għaliex it-terminu ta' xahrejn huwa ta' dekadenza u għalhekk bħala regola mhux suġġett għar-regoli tal-preskrizzjoni."*

Illi bħala stat ta' fatt jirriżulta illi l-azzjoni odjerna ġiet intavolata fid-29 ta' Marzu 2012. L-attriċi tagħti s-segwenti kronoloġija (fol 29):

*"On 28 December of 2011 I went abroad to spend New Year's Eve with my family and talk to them about the state of developed unpleasant affairs. I had returned to Malta on 22 February 2012 … after I had landed in Malta and went home, I could not enter my home due to the fact that Mr Raphael Asciak really had changed during my absence from Malta the lock on the main entrance."*

Illi in sostenn tal-eċċezzjoni li l-azzjoni odjerna hija perenta l-konvenut jirrileva illi (fol 113):

*"c) NM (Natalia) knew on the 24 December that the lock was changed. This is re-confirmed by eye-witnesses who were at my house on the 25 December 2011 in the morning when she came and tried to re-enter the house;"*

Illi ħu l-konvenut, Mark John Asciak jispjega b'dan il-mod fl-affidavit tiegħu (fol 126):

*"However there were two brief periods where she stayed temporarily because she was in the process of changing residences. The last time I saw Ms Menchova, and this I remember very clearly was 25th December 2011 (Christmas Day). I say this because the day before my brother had called me and was clearly very agitated because she had apparently stolen some keys from him, entered the house and had attempted to stop him entering."*

Illi din il-Qorti hija tal-fehma illi l-attriċi kienet taf bil-bidla fis-serratura bejn il-Milied u l-aħħar tas-sena 2011. Ġiet esebita wkoll riċevuta għall-bdil tas-serratura datata 24 ta' Diċembru 2011 (fol 124 Dok 'RA2'). Fid-depożizzjoni tagħha (fol 298) għalkemm tiċħad li s-serratura nbidlet f'Diċembru 2011 hija fl-istess waqt tammetti illi *"I stole the key"* li jxejjen l-argument tagħha li hija kienet tgħix fil-post u għaldaqstant kellha pussess fuq il-fond *de quo*:

*"Lawyer:* *Am I also correct to say that the locks were changed in December 2011?*

*Witness:* *What do you mean? Again ...*

*Lawyer:* *You had a key?*

*Witness:* *I stole the key.*

*Lawyer:* *And what did you do with it, you had the key? How did you have a key?*

*Witness:* *I lived there. I had the key.*

*Lawyer:* *And in December, 2011, were you still according to you frequenting the property?*

*Witness:* *Yes I still had a key. I had the key until Taliana took it from my hand."*

Illi minn dan kollu jirriżulta biċ-ċar lil din il-Qorti illi l-attriċi naqset milli tissodisfa r-rekwiżiti stretti rikjesti mil-liġi sabiex tirnexxi azzjoni simili.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tiċħad it-talbiet kollha attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-attriċi.**

**Moqrija.**

**Onor. Joseph Azzopardi LL.D.**
**Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**